IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.9.2014
COM(2014) 582 final

2014/0269 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għal mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, (“il-Ftehim”) kien iffirmat fi Brussell fis-26 ta' Frar 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000;

Il-proposta mehmuża hija strument legali għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għal mal-Ftehim (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") biex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea.

Skont l-Att ta' Adeżjoni, il-Kroazja taċċedi għall-ftehimiet internazzjonali ffirmati jew konklużi mill-UE u l-Istati Membri tagħha permezz ta’ protokoll għal ma' dawk il-ftehimiet.

Fl-14 ta’ Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi konċernati bil-ħsieb li jiġu konklużi l-protokolli rilevanti. In-negozjati mal-Marokk ġew konklużi b’suċċess billi ġie inizjalat il-Protokoll.

Il-Protokoll propost jinkorpora lill-Kroazja bħala parti kontraenti għall-Ftehim u jimpenja lill-UE li tipprovdi l-verżjoni awtentika tal-Ftehim fil-lingwa uffiċjali l-ġdida tal-UE.

Il-Kummissjoni tqis li r-riżultati tan-negozjati huma sodisfaċenti u titlob lill-Kunsill jadotta d-deċiżjoni mehmuża li tawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll.

2014/0269 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għal mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u ir-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, ("il-Ftehim") kien iffirmat fi Brussell fis-26 ta' Frar 1996 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000.

(2) Ir-Repubblika tal-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.

(3) Skont it-termini tal-Artikolu 6(2) tal-Att tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja għal mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Renju tal-Marokk min-naħa l-oħra, għandu jiġi miftiehem permezz ta' protokoll mal-Ftehim konklużż bejn il-Kunsill, li jaġixxi f'isem l-Unjoni u unanimament f'isem l-Istati Membri, u r-Renju tal-Marokk.

(4) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mal-pajjiżi terzi konċernati. In-negozjati mar-Renju tal-Marokk ġew konklużi b'suċċess meta ġie inizjalat il-Protokoll mehmuż ma' din id-deċiżjoni.

(5) L-Artikolu 7 tal-Protokoll jipprevedi l-applikazzjoni proviżorja tiegħu qabel ma jidħol fis-seħħ.

(6) Il-Protokoll għand jiġi ffirmat, bil-kundizzjoni li jiġi konklużż f'data aktar 'il quddiem, u jkun applikat fuq bażi proviżorja.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha tal-Protokoll għal mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri

tagħhom, minnnaħa, u r-Rejnu tal-Marokk min-naħa l-oħra, qiegħed b'dan jiġi awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-istess Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistabbilixxi l-istrument tas-setgħat sħaħ biex jiġi ffirmat il-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna/i indikata/i min-negozjatur.

Artikolu 3

Bil-kundizzjoni li jiġi konkluż f'data iktar 'il quddiem u sakemm jidħol fis-seħħ, il-Protokoll japplika proviżorjament, skont l-Artikolu 7.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fi ….

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President